# Il-Programm għall-Edukazzjoni Reliġjuża għat-Tielet Sena tal-Primarja

## KAP 6 – ĠESÙ QAM TASSEW

| L-Objettiv: | Il-Lingwa Reliġjuża | |
|---|---|---|
| 6.1 | Meta ż-żerriegħa tikber ... | 6.1 |
| L-Għanijiet | L-istudenti:<br>1. jitgħallmu l-istorja taż-żerriegħa;<br>2. jiddiskutu x'joħroġ minnha wara li tindifen fil-ħamrija;<br>3. jqabblu ż-żerriegħa mal-ħajja tagħhom;<br>4. jitgħallmu li Ġesù, bħal dik iż-żerriegħa, miet għalina imma wara qam rebbieħ. | |
| Il-Kontenut | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. Bħalma ż-żerriegħa għandha bżonn il-ħamrija, l-ilma u x-xemx biex tikber fi fjura sabiħa u b'saħħitha, aħna wkoll għandna bżonn l-imħabba ta' min jieħu ħsiebna.<br>2. Iż-żerriegħa trid tbati biex issir pjanta sabiħa.<br>3. Aħna rridu nistudjaw u nbatu biex nagħmlu dak li hu sew ħalli jkollna ħajja sabiħa.<br>4. Ġesù ndifen fil-qabar, imma mbagħad qam sabiħ u rebbieħ fuq il-mewt. | |
| L-Attitudni | It-tfal juru li japprezzaw lil kulħadd għax ħadd m'hu aħjar minn ħadd u kulħadd għandu s-sabiħ tiegħu.<br>It-tfal jitgħallmu jsibu dak li hu sabiħ u tajjeb f'xulxin. | |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| 6.2 | **Meta nsib ruħi fid-deżert** | |
| L-Għanijiet | L-istudenti:<br>1. japplikaw it-tbatija li tgħaddi minnha ż-żerriegħa mal-ħajja tagħhom biex huma jikbru u jitilgħu bil-għaqal.<br>2. jifhmu t-tbatijiet li għadda minnhom Ġesù sa ma miet u qam. | |
| Il-Kontenut | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. Biex żerriegħa tikber trid tbati.<br>2. Biex nikbru bil-għaqal irridu nbatu.<br>3. Ġesù bata ħafna. Lil Ġesù qatluh u salbuh.<br>4. Wara dan kollu Ġesù qam mill-mewt. | |
| L-Attitudni | It-tfal juru li meta jkollhom żminijiet diffiċli f'ħajjithom, huma jippruvaw jagħmlu kuraġġ biex jikbru fi fjuri sbieħ. | |
| | | |
| **L-Objettiv** | **Id-Dimensjoni Spiritwali** | |
| **6.3** | **Ħaduni magħhom** | |
| L-Għanijiet | L-istudenti:<br>1. jitgħallmu l-istorja tal-Passjoni ta' Ġesù hekk kif qabduh;<br>2. jieħdu idea ġenerali tal-persunaġġi li jissemmew fil-passjoni;<br>3. jiddiskutu ħafif il-personaġġi l-aktar importanti fil-Passjoni, fosthom il-Madonna. | |
| Il-Kontenut | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. Ġesù ħa lill-appostli miegħu fil-Ġnien taż-Żebbuġ biex jitlob.<br>2. Fil-ġnien, ġie Ġuda u l-għedewwa ta' Ġesù u lil Ġesù ħaduh magħhom. | |

| | | |
|---|---|---|
| | 3. L-appostli ħarbu għax beżgħu.<br>4. Lil Ġesù ħaduh għand il-kapijiet tal-Lhud u ġie kkundannat għall-mewt.<br>5. Il-Madonna baqgħet tiġri warajh u tara x'kien ser jiġri minnu għax kienet ommu. | |
| **L-Attitudni** | It-tfal juru rispett lejn xulxin u juru li huma ħbieb tassew billi jgħinu lil xulxin għax iħossu għal xulxin. | |
| **6.4** | **Jien ukoll kont hemm ... u rajtu** | **6.2** |
| **L-Għanijiet** | L-istudenti:<br>1. jitgħallmu l-istorja tal-Passjoni ta' Ġesù;<br>2. jiddiskutu l-personaġġi l-aktar importanti fil-Passjoni, fosthom il-Madonna;<br>3. jisimgħu l-istorja ta' Pietru fil-Palazz;<br>4. jiddiskutu kif ħassu Pietru;<br>5. jitgħallmu kif spiċċa Pietru wara li ċaħad lil Ġesù. | |
| **Il-Kontenut** | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. Pietru kien iħobbu ħafna lil Ġesù.<br>2. Pietru kien ċert li ma kien ser iħallieh qatt lil Ġesu imma meta ġiet il-prova, ma nstabx fidil lejn Ġesù.<br>3. Meta ħadu lil Ġesu hu mar warajh.<br>4. Mar fil-bitħa tal-palazz biex jisħon ħdejn in-nar.<br>5. Fil-bitħa ċaħad lil Ġesù u qal li ma jafux. | |
| **L-Attitudni** | It-tfal juru rispett lejn xulxin u juru li huma ħbieb tassew billi jgħinu lil xulxin għax iħossu għal xulxin. | |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| 6.5 | Xmun jgħin lil Ġesù | 6.3 |
| L-Għanijiet | L-istudenti:<br>1. jagħrfu r-rwol ta' Xmun minn Ċirene u jitgħallmu x'għamel u x'wera dan il-bniedem;<br>2. jiddiskutu sew x'ġara meta Ġesù kien tiela' l-Kalvarju;<br>3. jitgħallmu sew x'għamel Xmun;<br>4. jitgħallmu x'ġara lil Ġesù wara li kien mgħejjun minn Xmun iċ-Ċirinew. | |
| Il-Kontenut | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. Xmun kien fi triqtu lejn id-dar mill-għalqa.<br>2. Hu ġie kkmandat mis-suldati biex jgħin lil Ġesù jerfa' s-salib.<br>3. Is-suldati beżgħu li Ġesù kien ser imut fit-triq u għalhekk ordnaw lil Xmun jgħinu.<br>4. Xmun għen lil Ġesù jerfa' s-salib sa fuq il-Kalvarju. | |
| L-Attitudni | It-tfal jgħinu lil xulxin u lil kulħadd bla differenzi. | |
| | | |
| 6.6 | Jien nista' nkun Xmun | 6.4 |
| L-Għanijiet | L-istudenti:<br>1. janalizzaw kif huma jistgħu jgħinu lill-oħrajn;<br>2. jiddiskutu kif jistgħu jkunu "Xmun" huma wkoll. | |
| Il-Kontenut | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. Xmun kien qed jgħin lil Ġesù.<br>2. Ġesù qalilna li kulmin jgħin lil xi ħadd ikun qed jgħin lilu stess.<br>3. Meta ngħin għandi nagħmel dan bil-qalb.<br>4. Jekk jien nieħu pjaċir min jgħinni, anke jien għandi ngħin lil ħaddieħor ukoll. | |

| | | |
|---|---|---|
| L-Attitudni | It-tfal jgħinu lil xulxin, anke meta dan ikun ifisser li huma jbatu. | |
| | | |
| L-Objettiv | Il-Kelma t'Alla | |
| 6.7 | Wieqfa taħt is-Salib | 6.5 |
| L-Għanijiet | L-istudenti:<br>1. jirrevedu l-istorja tal-passjoni;<br>2. jiddiskutu kif setgħet ħassitha l-Madonna hemm taħt is-salib;<br>3. jifhmu li għandhom jitolbu għal dawk li qed ibatu. | |
| Il-Kontenut | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. Il-Madonna batiet ħafna taħt is-salib.<br>2. Għalkemm kienet qiegħda tbati baqgħet hemm taħt is-salib.<br>3. Nitolbu għal dawk li qed ibati.<br>4. It-tbatija tista' tkun minħabba mard, mewt, gwerra, ġuħ u affarijiet bħal dawn. | |
| L-Attitudni | It-tfal jitolbu għal min qed ibati, la ma jkunux jistgħu jgħinu b'mod ieħor. | |
| | | |
| L-Objettiv | Il-Ħarsa Personali tad-Dinja Kattolika | |
| 6.8 | Sabu l-ġebla mgerba .. u l-qabar vojt | 6.6 |
| L-Għanijiet | L-istudenti:<br>1. jiddiskutu l-ġrajja tal-qawmien ta' Ġesù;<br>2. janalizzaw l-qawwa ta' Ġesù li permezz tagħha qam mill-mewt;<br>3. iqabblu l-ferħ tagħhom mal-ferħ ta' dawk li rawh u għexu miegħu; | |

| | | |
|---|---|---|
| | 4. jitgħallmu kif jistgħu juru l-qawmien ta' Ġesù fil-ħajja tagħhom. | |
| **Il-Kontenut** | L-istudenti jitgħallmu dan:<br>1. Żewġ anġli qalu lin-nisa li Ġesù kien qam.<br>2. Meta d-dixxipli ndunaw li l-Imgħallem tagħhom kien qam tassew mill- mewt riedu jtiru bil-ferħ.<br>3. Huma ġrew lura biex jgħidu lil-appostli.<br>4. Meta Ġesù qam mill-mewt hu wriena li t-tajjeb huwa aqwa mill-ħażin.<br>5. Ġesù qam mill-mewt biex jurina li aħna wara din il-ħajja nistgħu mmorru l-ġenna. | |
| **L-Attitudni** | It-tfal jaħdmu biex ikunu ferħana ma' xulxin u jaħdmu biex iġibu l-ferħ kull fejn ikunu. | |
| | | |